

31998D0517

19.8.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 232/12

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI  
tas-17 ta' Ġunju 1998**

**dwar Regolament tekniku komuni għal stazzjonijiet terrestri li jinġarru, għal ġbir ta' aħbarijiet bis-satellita  
(SNG TES) li joperaw fil-firxa ta' frekwenzi 11-12/13-14 GHz**

(notifikata taħt dokument numru K (1998) 1609)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/517/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom (¹),

Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita li għaliex huwa meħtieġ Regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni dwar il-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-standards armonizzati li jikkorrispondu, jew partijiet minnhom, li jimplimentaw il-htieġiess esenziali li għandhom jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi r-regolament tekniku komuni adottat minn din id-Deċiżjoni huwa bi qbil ma' l-opinjoni ta' l- ACTE,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

1. Din id-Deċiżjoni tapplika għal tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita li jaqa' fil-qasam ta' applikazzjoni ta' l-standard armonizzat li għaliex jirreferi l-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Regolament komuni tekniku li jkɔpri stazzjonijiet terrestri li jinġarru, għal ġbir ta' aħbarijiet bis-satellita (SNG TES) li joperaw fil-firxa ta' frekwenzi 11-12/13-14 GHz.

*Artikolu 2*

1. Ir-Regolment tekniku komuni għandu jinkludi l-standards armonizzati imħejjija mill-korp ta' standardizzazzjoni relevanti li jimplimenta sal-limitu applikabbli l-htieġiess esenziali li għaliex jirreferi l-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/13/KEE. Ir-referenza għall-standards hija mniżżla fl-Anness.

2. Tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-Regolament tekniku komuni li għaliex jirreferi l-paragrafu 1, għandu jilħaq il-htieġi esenziali li għaliex jirreferi l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 98/13/KEE, u għandu jilħaq il-htieġi ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarm id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE (²) u 89/336/KEE (³).

*Artikolu 3*

Korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri li għaliex jirreferi l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KEE, fir-rigward ta' tagħmir kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jużaw jew jiżguraw li jkun użat l-standard armonizzat li għaliha jirreferi l-Anness wara d-dħul fis-seħħi ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmulha fi Brussel, is-17 ta' Ġunju, 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.

(²) ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.

(³) ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

## ANNESS

**Referenza għall-*istandard armonizzat applikabbi***

L-i *standard armonizzat* li ghaliż jirreferi l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa:

Stazzjonijiet terrestri u sistemi tas-satellita (SES);

stazzjonijiet terrestri li jingārru, għal ġbir ta' aħbarijiet bis-satellita (SNG TES) li joperaw fil-firxa ta' frekwenzi 11-12/13-14 GHz.

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ta' ETSI

TBR 30 — Diċembru 1997

(eskluża d-daħla)

**Tagħrif addizzjonal:**

L-Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE (¹).

L-*istandard armonizzat* imsemmi hawn fuq kien prodott skond mandat maħruġ bi qbil mal-proċeduri relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-*istandard armonizzat* imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mill-:

Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni  
650 Route des Lucioles  
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Kummissjoni Ewropea  
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),  
Rue de la Loi/Wetstraat 200,  
B-1049 Brussels

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli li tagħmel disponibbli *standards* ta' ETSI, li lista tagħhom tinsab fuq l-Internet fl-indirizz [www.ispo.cec.be](http://www.ispo.cec.be).

---

(¹) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.